Nru. 17,763
Prezz Lm1.44ċ
Price Lm1.44c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 3 ta' Mejju, 2005
Tuesday, 3rd May, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 451

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,759 u 17,762 tas-26 u d-29 ta' April, 2005, rispettivament.

A.L. Nru. 122 ta' l-2005: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); Motor Vehicles (EC Type Approval) (Amendment) Regulations, 2005.*

A.L. Nru. 123 ta' l-2005: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); Type Approval of Agricultural or Forestry Tractors Regulations, 2005.*

A.L. Nru. 124 ta' l-2005: Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea (Att Nru. V ta' l-2003); Ordni ta' l-2005 dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/1/KE (sabiex tiġi stabbilita struttura organizzativa ġdida għall-kumitati dwar is-servizzi finanzjarji).

A.L. Nru. 125 ta' l-2005: Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Rifużjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud lill-persuni taxxabbli mhux stabbiliti fit-territorju tal-Komunità kif ukoll persuni taxxabbli mhux stabbiliti f'Malta iżda stabbiliti fit-territorju tal-Komunità u li jwettqu f'Malta operazzjonijiet mhux permessi għar-rifużjoni taħt ir-regolament 2 (a) u (b) ta' l-Avviż Legali Nru. 219 ta' l-2004).

A.L. Nru. 126 ta' l-2005: *Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Companies Accounts) (Amendment) Regulations, 2005.*

GOVERNMENT NOTICES

No. 451

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,759 and 17,762 of the 26th and 29th April, 2005, respectively.

L.N. No. 122 of 2005: Product Safety Act (Act No. V of 2001); Motor Vehicles (EC Type Approval) (Amendment) Regulations, 2005.

L.N. No. 123 of 2005: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); Type Approval of Agricultural or Forestry Tractors Regulations, 2005.*

L.N. No. 124 of 2005: European Union Act, 2003 (Act No. V of 2003); Implementation of Directive 2005/1/EC (to establish a new organisational structure for financial services committees) Order, 2005.

L.N. No. 125 of 2005: Value Added Tax Act (Cap. 406); Value Added Tax (Refund of Value Added Tax to taxable persons not established in the territory of the Community as well as taxable persons not established in Malta but established in the territory of the Community and who realise in Malta operations not allowed for refund under regulation 2 (a) and (b) of Legal Notice No. 219 of 2004) (Amendment) Regulations, 2005.

L.N. No. 126 of 2005: Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Companies Accounts) (Amendment) Regulations, 2005.

A.L. Nru. 127 ta' l-2005: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); The Conformity Assessment of Marine Equipment Regulations, 2005.*

A.L. Nru. 128 ta' l-2005: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); Recreational Craft Regulations, 2005.*

A.L. Nru. 129 ta' l-2005: Att biex Jippromwovi u Jipproteġi s-Saħħa (Att Nru. XIII ta' 2003); Regolamenti ta' l-2005 dwar is-*Swimming Pools*.

A.L. Nru. 130 ta' l-2005: Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Kap. 128); Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru 2).

It-3 ta' Mejju, 2005

L.N. No. 127 of 2005: Product Safety Act (Act No. V of 2001); The Conformity Assessment of Marine Equipment Regulations, 2005.

L.N. No. 128 of 2005: Product Safety Act (Act No. V of 2001); Recreational Craft Regulations, 2005.

L.N. No. 129 of 2005: Public Health Act (Act No. XIII of 2003); Swimming Pools Regulations, 2005.

L.N. No. 130 of 2005: Police Licences Act (Cap. 128); Police Licences (Amendment No. 2) Regulations, 2005.

3rd May, 2005

Nru. 452

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI
(KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Paul Callus, LL.D., Nutar tal-Gvern, bħala Nutar Delegat tan-Nutar Dott. Cora Vella, LL.D., in-Nutar Prinċipali tal-Gvern, sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mit-30 ta' Marzu, 2005 sat-3 ta' April, 2005.

Joseph A. Borg
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Il-5 ta' April, 2005

No. 452

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Paul Callus, LL.D., Notary to Government, to be Notary Delegate for Notary Dr Cora Vella, LL.D., Principal Notary to Government, during the latter's absence from these Islands from the 30th March 2005 till the 3rd April, 2005.

Joseph A. Borg
For Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

5th April, 2005

Nru. 453

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-lista ta' nies barranin li għandhom il-liċenzi ta' impieg skond l-artikolu 11 (3) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217), ġiet ippubblikata fuq il-*website* tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni www.doi.gov.mt nhar it-Tnejn, it-2 ta' Mejju, 2005, u tista' tinkiseb fuq *floppy disc* jew *printout* mill-istess Dipartiment bil-prezz ta' Lm1.50ċ u 2ċ kull paġna rispettivament.

It-3 ta' Mejju, 2005

No. 453

IMMIGRATION ACT
(CAP. 217)

IT IS notified for general information that the list of expatriates holding employment licences according to section 11 (3) of the Immigration Act (Cap. 217) has been published on the website of the Department of Information www.doi.gov.mt on Monday, 2nd May, 2005, and is obtainable on floppy disc or printout from the same Department for the price of Lm1.50c and 2c each page respectively.

3rd May, 2005

Nru. 454

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 454

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 62	Charlon Psaila	VMC Triq Ta' Ġidwet Marsascala	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.27	27.04.05
CD/3209/2005 Pt 137	John Ellul Vincenti	Vinci 154, Triq in-Naxxar San Ġwann	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III – Wholesale and retail trade*	51.4 52.45 52.48.13	27.04.05
CD/3209/2005 Pt 138	Daniela Farrugia	Classic Scissors 3, Triq il-Loġġja Ħamrun	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	27.04.05
CD/3209/2005 Pt 139	David De Gray	Dave's Veg 3, Triq Paderborn Buġibba l/o San Pawl il-Baħar	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21 52.27 52.33	27.04.05

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 140	Donald Zarb	Ta' Ċensu Store Triq Laqxija k/m Triq Karm Sammut Birkirkara	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21	27.04.05
CD/3209/2005 Pt 142	Alexia Spiteri	Xibit Triq Hompesch Fgura	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	27.04.05
CD/3209/2005 Pt 144	Werner Galea	Seventy One 2, Pjazza tal-Ferrovija Birkirkara	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.24	27.04.05
CD/3209/2005 Pt 148	Rosario Gatt	Midway Auto Dealer Triq l-Imgħażel Żebbuġ Malta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.1 50.3	27.04.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

It-3 ta' Mejju, 2005

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

3rd May, 2005

Nru. 455

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ
(KAP. 441)

Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ

SKOND id-disposizzjonijiet tar-regolament 34 (5) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika din il-lista tal-ħwienet tal-merċa li jinsabu fil-Mellieħa, li jistgħu jifthu fil-Ħdud u l-festi pubbliċi bejn Mejju u Ottubru 2005. Id-Diviżjoni għall-Kummerċ iżżomm id-dritt li fil-futur tibdel il-kundizzjonijiet ta' dan il-permess skond ir-regolamenti 34 (4) u (5) tar-regolamenti hawn fuq imsemmija.

No. 455

TRADING LICENCES ACT
(CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

ACCORDING to the provisions of regulation 34 (5) of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing the following list of grocers located at Mellieħa, which are to open during Sundays and other public holidays between May and October 2005. The Commerce Division reserves the right in future to change the conditions of this permit according to regulations 34 (4) and (5) of the above mentioned regulations.

Indirizz tal-post kummerċjali
Address of commercial premises

191, Greenlands, Triq il-Kbira, Mellieħa
1, 15, 29 ta' Mejju, 12, 26 ta' Ġunju, 3, 17, 31 ta' Lulju,
14, 15, 28 ta' Awissu, 11, 21, 25 ta' Settembru u 9, 23 ta' Ottubru.

12, Triq il-Kbira, Mellieħa
8, 22 ta' Mejju, 5, 7 u 19 ta' Ġunju, 10, 24 ta' Lulju,
7, 21 ta' Awissu, 4, 8, 18 ta' Settembru u 2, 16, 30 ta' Ottubru

It-3 ta' Mejju, 2005

3rd May, 2005

Nru. 456

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI
(ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 456

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996
(ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza Gwardjani Lokali
Application for licence of a Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Aleksei Bayliss	190385 (M)	19, "Angela", Triq San Franġisk, San Ġwann
Carmel Borg	549465 (M)	90, Triq l-Assunta, Marsa
Christine Carm Borg	110887 (M)	90, Triq l-Assunta, Marsa
Paul Borg	183076 (M)	114, "Anthea", Triq id-Duluri, Ħamrun

Applikazzjoni għal-liċenza Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
John Borg	778846 (M)	66, "Ħidma", Triq il-Ħelsien, Qormi
Charles Pisani	649959 (M)	19, "St Rita", Triq il-Kittien, Żabbar
Vincent Muscat	122071 (M)	31, "Sunelle", Triq il-Palma, Madliena
Peter Joseph Faure	469655 (M)	34, Triq Santa Marija, Tarxien
Noel Refalo	12772 (M)	"The Pearl", Triq Vincenzo Bugeja, Santa Venera
Raymond Zammit	575352 (M)	29, "Ave Maria", Triq San Lawrenz, Birkirkara
Emanuel Zammit Spiteri	32777 (G)	48, "Daffodil Appartments", Flat 5, Triq in-Nissieġ, Naxxar
Rennie Xerri	84877 (M)	17, Triq San Mikiel, Valletta
Matthew Galea	312686 (M)	51, Triq il-Lanġas, Naxxar
Dexter Agius	326184 (M)	89, Triq Sant'Elena, Sliema

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-3 ta' Mejju, 2005

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

3rd May, 2005

Nru. 457

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SANTA VENERA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10), il-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet tal-bibien fi triq f'Santa Venera, hawn taħt elenkata u speċifikata f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 457

RENUMBERING OF DOORS AT SANTA VENERA

IN exercise of the powers conferred by Section 115 of the Code of Police Laws (Chapter 10), the Minister for Resources and Infrastructure has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Santa Venera, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
SANTA VENERA

1. TRIQ ĠUŻÈ FLORES

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Il-Ferrovija.

Left side entering from Triq il-Ferrovija

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	1
Garage	3
Sacred Heart	5
Shop	7
House without number	9
House under construction	11
House under construction	13
Heavenly	15
House under construction	17
House under construction	19
Garages' Entrance	21

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Il-Ferrovija.

Right side entering from Triq il-Ferrovija

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	2
Garage	4
Wishbone	6
Garage	8
Garage	10
Meadow	12
Oasis	14
Garages' Entrance	16
L'Hirondelle	18
Astraea	20
Garages' Entrance	22
Casa Conti	24
House without number (B.C.Centre)	26
Garage	28
Noter Reve'	30
3, Valley View	32
Garages' Entrance	34

It-3 ta' Mejju 2005

3rd May 2005

Nru. 458

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIN-NAXXAR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 959, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-1 ta' Diċembru, 2000, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien fin-Naxxar', għandhom isiru dawn l-emendi:

No. 458

RENUMBERING OF DOORS AT NAXXAR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 959, published in Government Gazette dated 1st December, 2000, under the title of 'Renumbering of Doors at Naxxar', the following amendments should be made:

TRIQ J.H. NEWMAN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kappella ta' Xagħra

Left side entering from Triq il-Kappella ta' Xagħra

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kappella ta' Xagħra

Right side entering from Triq il-Kappella ta' Xagħra

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Dwejra	30
Vilamoura	32
Garage	34

Għandhom jinqraw
Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Dwejra	30
Garage	30A
Garage	30B
Garage	30C
Garage	34

It-3 ta' Mejju 2005

3rd May 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 21 ta' l-2005

Projbizzjoni ta' Għawm fil-Port taċ-Ċirkewwa

L-Awtorità Marittima ta' Malta tixtieq tfakkar lill-pubbliku ġenerali illi ma jistax isir għawm mill-ebda moll użat għal skopijiet ta' rmiġġ ta' bastimenti u braken.

Dan ta' hawn fuq huwa skond ir-Regolament 61 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet li jistipula li "L-ebda persuna ma tista' tgħum mill-ebda moll użat għal skopijiet ta' rmiġġ ta' bastimenti u braken jew minn xi bastiment jew barkun irmiġġati maġenb xi moll bħal dan".

Chart affettwata BA *Chart* 211.

It-3 ta' Mejju, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 21 of 2005

Prohibition of Swimming at Ċirkewwa Harbour

The Malta Maritime Authority would like to remind the general public that it is prohibited to bathe from any quay used for the purposes of berthing ships or lighters.

The above is in accordance with Regulation 61 of the Ports Regulations, 1966 which states that "No person shall bathe from any quay used for the purposes of berthing ships or lighters or from any ship or lighter berthed alongside any such quay".

Chart affected BA Chart 211.

3rd May, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 22 ta' l-2005

Bastiment Mgħarraq fid-Daħla ta' Tas-Sliema

Il-bastiment bil-mutur *MV Victoria* ta' madwar 16-il metru tul għereq fejn kien irmiġġjat fid-Daħla ta' Tas-Sliema fil-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35° 54' .350	014° 30'.191

Sakemm joħroġ avviż ieħor, il-baħħara għandhom jieħdu nota ta' dan ta' hawn fuq u jżommu 'l boghod mill-pożizzjoni msemmija minħabba li l-*MV Victoria* jinsab eżatt taħt l-ilma u huwa ta' periklu għat-tbaħħir.

Chart affettwata: BA 177

It-3 ta' Mejju, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 22 of 2005

Sunken Vessel at Sliema Creek

The motor vessel MV Victoria of about 16 metres in length has sunk at its berth in Sliema Creek in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 54' .350	014° 30'.191

Until further notice, mariners are to note the above and give the mentioned position a wide berth as the MV Victoria is just below the surface and a hazard to navigation.

Chart affected: BA 177

3rd May, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'din l-iskola:

Skola Primarja Filippo Castagna ta' Ħal Għaxaq,
Triq il-Gudja, Ħal Għaxaq

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General, Education Division, invites applications for the engagement of Clerks on a part-time basis to perform duties at the following School:

Filippo Castagna Għaxaq Primary School,
Triq il-Gudja, Għaxaq

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.86 għal kull siegħa maħduma. L-iskrivani *Part-Time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jintemm mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames sigħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. L-iskrivani *part-time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut f'sezzjoni 4.11 tal-PSMC.

6. L-iskrivani *part-time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern ta' Malta.

7. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matrikola/SEC/Matsec (1-5) li juru *passes* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli;

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan;

(d) (i) ikollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

JEW

(ii) ikunu jafu tajjeb il-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li għandhom l-għarfien meħtieġ f'dan il-qasam.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni);

(f) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu

2. Remuneration will be at the rate of Lm1.86 for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-pime clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefor. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in Section 4.11 of the PSMC.

6. Part-time clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

7. Candidates must:-

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at Ordinary Level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of Clerk;

(d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(f) be 17 years of age or older. Applicants should produce

jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi relevanti;

(ġ) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jinthemżu ma' l-applikazzjoni.) L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess biex jiġi verifikat fil-hin ta' l-intervista.

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li jafu tajjeb il-kompjuter jew jiġu kkonfermati li jkollhom il-*passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL, indikati f'paragrafu 7 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' Skrivan *Part-time*.

10. Ir-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtela skond l-ordni tal-meritu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se ssir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Mejju, 2005.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati

their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities);

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of School and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

9. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes in modules 2, 3 and 4 of the ECDL Certificate indicated in paragraph 7d(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of Part-time Clerk.

10. The validity of the final order of merit put up for each School will expire after two years from the publication of the final result.

11. The vacant post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview and the test referred to in 9 above.

12. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 20th May, 2005.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal

sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-3 ta' Mejju, 2005

application duly signed by the applicant must reach the School by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

15. Late applications will not be considered.

3rd May, 2005

KORPORAZZJONI ENEMALTA

Postijiet ta' *Professional Executive I (Electrical Engineer), Professional Executive I (Mechanical Engineer)*

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-mili ta' postijiet ta' *Professional Executive I (Engineer)* mal-Korporazzjoni Enemalta.

2. Il-post ta' *Professional Executive I (Engineer)* għandu salarju ta' Lm6,651 fis-sena li jiżdied b'Lm164 kull sena sal-massimu ta' Lm7,635 (skala 7).

3. In-nomina tkun fuq bażi *whole-time* u tkun suġġetta għall-konferma wara li jgħaddu sitt (6) xhur u hija suġġetta wkoll għar-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għall-iehor fil-Korporazzjoni Enemalta.Wieħed jista' jiġi trasferit skond l-esiġenzi tal-Korporazzjoni.

4. Min jintgħażel ikun obbligat li jaħdem fuq bażi ta' *shift* meta u kif meħtieġ. B'żieda mas-salarju msemmi f'paragrafu 2 hawn fuq, titħallas *shift allowance* fejn applikabbli.

5. Il-*Professional Executive I (Engineer)* ikun meħtieġ jagħmel xogħol ta' *Engineer* relatat mat-Taqsima li magħha jkun assenjat u jkun responsabbli mill-impjegati fdati taħt il-ħarsien tiegħu. Ikun meħtieġ jaġixxi b'mod ġenerali taħt il-gwida ta' *senior engineers* tat-Taqsima.

ENEMALTA CORPORATION

Posts of Professional Executive I (Electrical Engineer), Professional Executive I (Mechanical Engineer)

Applications are invited for the filling of the posts of Professional Executive I (Engineer) with Enemalta Corporation.

2. The post of Professional Executive I (Engineer) carries an annual salary of Lm6,651 rising by annual increments of Lm164 up to a maximum of Lm7,635 (Scale 7).

3. The appointment will be on a whole time basis and is subject to confirmation following a probationary period of six (6) months and is subject to the rules and regulations governing from time to time Enemalta Corporation. It involves the liability to transfer according to the exigencies of the Corporation.

4. The appointees will be under obligation to work by a shift system when and as required. In addition to the salary mentioned in paragraph 2 above, a shift allowance will be payable where applicable.

5. The Professional Executive I (Engineer) will be required to perform general engineering duties with the section to which he is assigned and will be responsible for employees under his charge; will be required to act under the general guidance of other senior engineers in the section.

6. Fid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet l-applikanti għandhom:

a) ikunu ta' karattru morali tajjeb (għandu jiġi ppreżentat ċertifikat tal-Kondotta tal-Pulizija maħruġ matul is-sitt (6) xhur ta' qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet;

b) jippreżentaw fotokopja tal-Karta ta' l-Identità tagħhom.

7. L-applikanti għandu jkollhom:-

a) grad Universitarju fl-Inġinerija Elettrika jew Mekkanika;

b) *Warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' *Engineer*.

8. L-applikanti għandhom jiddikjaraw b'mod ċar il-kwalifiki u/jew l-esperjenza tagħhom li għandhom ikunu sostnuti b'dokumenti u/jew ċertifikati. Kopja ta' dawn id-dokumenti għandha tinthemeż ma' l-applikazzjoni.

9. L-applikanti jridu joqogħdu għal intervista u fejn meħtieġ għal eżami prattiku bil-għan li tiġi stabbilita l-kapaċità tagħhom li jagħmlu xogħol relatat ma' dan il-grad.

10. Min jiġi nominat irid joqgħod għal eżami mediku sabiex jiġi aċċertat li hu f'saħħtu biex jaqdi d-doveri ta' din il-kariga.

11. Min jiġi nominat ikun obbligat li jaħdem fuq il-ħin normali kif u meta jkun meħtieġ.

12. Ir-riżultat ta' l-intervista jibqa' validu għal perijodu ta' tnax (12)-il xahar mid-data ta' meta jiġi ppubblikat.

13. L-applikanti jridu jippreżentaw *C.V.* tagħhom fl-Uffiċċju tar-Rizorsi Umani, Korporazzjoni Enemalta, Moll il-Knisja, il-Marsa sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Mejju 2005.

14. L-applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Permess mill-ETC Numru 43/2005

It-3 ta' Mejju, 2005

6. On the closing date of applications applicants must:-

a) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within six (6) months prior to closing date of applications must be produced);

b) produce a photocopy of their Identity Card.

7. Applicants must be:-

a) in possession of a University Degree in Electrical or Mechanical Engineering;

b) in possession of a warrant to practice as an Engineer.

8. Applicants are to state clearly their qualifications and/or experience which have to be supported by testimonials and/or certificates. A copy of these documents is to be attached to the application.

9. Applicants will be submitted to an interview and where necessary to a practical test designed to assess their ability to carry out the work related to the grade.

10. Successful candidates to the mentioned posts will be medically examined to ascertain that they are fit to perform the work related to the grade.

11. Successful candidates to the mentioned posts will be under obligation to perform extra hours of work as and when required.

12. The result of the interview will remain valid for a period of twelve (12) calendar months from the date of its publication.

13. Applicants are to submit their C.V. to the Human Resources Section, Enemalta Corporation, Church Wharf, Marsa by not later than Friday, 20th May 2005,

14. Late applications will not be accepted.

ETC Permit Number 43/2005

3rd May, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Consultant (Genito-Urinary Medicine)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b' esperjenza għall-post ta' *Consultant (Genito-Urinary Medicine)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant (Genito-Urinary Medicine)* għandu salarju ta' Lm10,370 fis-sena.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, magħduda s-sessjonijiet ta' l-*outpatients* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm -il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant (Genito-Urinary Medicine)* tifforma parti mid-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Venereoloġija u taqa' taħt iċ-*Chairman* ta' l-istess Dipartiment. Hi tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim tad-Dipartiment tal-Dermatoloġija u Venereoloġija.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli għat-tmexxija tal-*Genito-Urinary Clinic,* inkluż id-dijanjosi, investigazzjoni

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Consultant (Genito-Urinary Medicine) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant (Genito-Urinary Medicine) in the Health Division.

2. The post of Consultant (Genito-Urinary Medicine) carries a salary of Lm10,370 per annum.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatient sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The Consultant (Genito-Urinary Medicine) will form part of the Department of Dermatology and Venereology and will be directly accountable to the Chairman of Dermatology and Venereology. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Dermatology and Venereology and to participate in its teaching programmes.

5.2. The appointee will be responsible for the running of the Genito-Urinary Clinic, incorporating diagnosis,

u trattament ta' *sexually transmitted infections* u kondizzjonijiet relatati, kif ukoll pariri dwar ittestjar għall-HIV.

5.3. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tassigura ambjent ta' konfidenzjalità stretta bil-faċilità li pazjenti jkunu riferuti għandha direttament.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tħaddem sistema ta' tfittxija ta' kuntatti bil-għan li tittrażżan il-firxa ta' s*exually transmitted infections*.

5.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tikkollabora ma' dixxiplini oħra fl-isptarijiet skond il-każ.

5.6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tikkollabora mad-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa bil-għan li l-pubbliku jkun aktar konxju dwar *sexually transmitted infections* u l-prevenzjoni tagħhom.

5.7. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li żżomm *database* ta' l-attività tal-klinika u tad-dijanjosi skond id-*Data Protection Act*.

5.8. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.9. Il-persuna nominata tkun responsabbli li tassigura l-implimentazzjoni ta' taħriġ kontinwu u programm edukattiv għall-impjegati li jikkuraw il-pazjenti taħt il-kariga tagħha.

5.10. Il-persuna nominata trid tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.11. Il-persuna nominata trid tagħti kontribut biex jitwaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità fis-servizz u ta' *medical audit*.

5.12. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

investigation and treatment of sexually transmitted infections and related conditions, as well as counseling in relation to HIV testing.

5.3. The appointee will be required to ensure a strictly confidential setting with the facility of direct patient referral.

5.4. The appointee will be required to operate a system of contact tracing in a bid to containing the spread of sexually transmitted infections.

5.5. The appointee will be required to collaborate with other hospital disciplines as the case may be.

5.6. The appointee will be required to collaborate with the Department of Health Promotion in raising public awareness about sexually transmitted infections and their prevention.

5.7. The appointee will be required to maintain a database of clinic activity and diagnosis in accordance with the Data Protection Act.

5.8. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

5.9. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

5.10. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required and involve himself/herself in ongoing research programmes.

5.11. The appointee will contribute to the establishment of appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

5.12. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

(a) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom:
JEW

(i) evidenza ta' eliġibilità ta' reġistrazzjoni bħala *Specialist* fil-*Genito-Urinary Medicine* fl-Unjoni Ewropea;

JEW

(ii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina (MRCP jew kwalifika adattata komparabbli) u sentejn esperjenza fil-grad ta' *Senior Registrar* fil-*Genito-Urinary Medicine;*

JEW

(iii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina u ħames snin ta' esperjenza fil-*Genito-Urinary Medicine* wara li jkunu ġabu l-imsemmija kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of:
EITHER

(i) evidence of eligibility for Specialist registration in Genito-Urinary Medicine in the European Union;

OR

(ii) a higher postgraduate qualification in Medicine (MRCP or an approved appropriate comparable qualification) and two years experience in the grade of Senior Registrar in Genito-Urinary Medicine;

OR

(iii) a higher postgraduate qualification in Medicine and five years experience in Genito-Urinary Medicine following the attainment of the said higher postgraduate qualification.

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are

kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun addattat għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2005.

